# IL-FOND TA' SOLIDARJETÀ

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-UE tagħti appoġġ finanzjarju lil Stat Membru, pajjiż fil-fażi ta' adeżjoni jew reġjun f'każ ta' diżastru naturali maġġuri.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 175, it-tielet paragrafu u l-Artikolu 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

## L-OBJETTIVI

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jippermetti lill-UE, hi u taġixxi bħala korp, tagħti appoġġ effettiv lil Stat Membru, jew lil pajjiż fil-fażi ta' adeżjoni, fl-isforzi tiegħu biex jiffaċċja l-effetti ta' diżastru naturali maġġuri. Permezz tal-FSUE, li mhuwiex kopert mill-baġit tal-UE, jistgħu jsiru disponibbli sa EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011) kull sena biex jissupplimentaw in-nefqa pubblika f'operazzjonijiet ta' emerġenza mill-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati.

## IL-BAĠIT U L-KISBIET

Il-Fond ta' Solidarjetá kien ġie stabbilit bir-Regolament 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 b'reazzjoni għall-għargħar diżastruż li laqat lill-Ewropa Ċentrali matul is-Sajf tal-2002. Minn dakinhar 'l hawn 80 diżastru – inklużi egħriegħer, nirien tal-foresti, terremoti, maltempati u nixfa – li seħħ f'24 pajjiż Ewropew differenti irċieva appoġġ permezz tal-Fond għal valur totali ta' aktar minn EUR 5 biljun.

### A. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-eliġibilità

Il-FSUE jservi prinċipalment biex tingħata assistenza fil-każ ta' diżastru naturali maġġuri li jkollu riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun wieħed jew aktar ta' Stat Membru jew ta' pajjiż li jkun qed japplika għall-adeżjoni. Diżastru naturali huwa meqjus bħala "maġġuri" jekk jirriżulta fi ħsara diretta (fl-Istat Membru jew pajjiż li jkun qed japplika għall-adeżjoni) li jaqbeż it-EUR 3 biljun (prezzijiet tal-2011) jew aktar minn 0.6 % tad-dħul nazzjonali gross tal-Istat benefiċjarju. "Diżastru naturali reġjonali" huwa definit ukoll, bħala li jfisser kwalunkwe diżastru naturali f'reġjun tan-NUTS 2 li jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1.5 % tal-

prodott domestiku gross (PDG) ta' dak ir-reġjun. Fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi, skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan il-limitu msemmi l-aħħar huwa stabbilit għal 1 % tal-PDG reġjonali.

**1.** Il-miżuri

L-assistenza mill-FSUE tieħu s-sura ta' għotja biex tissupplimenta l-infiq pubbliku mill-Istat benefiċjarju u hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri biex tiġi mtoffija l-ħsara li, fil-prinċipju, ma tistax tiġi koperta b'assikurazzjoni. Il-miżuri urġenti eliġibbli għall-finanzjament huma:

— ir-rijabilitazzjoni immedjata tal-funzjonament tal-infrastruttura u l-impjanti li jipprovdu l-enerġija, l-ilma tax-xorb, ir-rimi tal-ilma tad-dranaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;

— il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' emerġenza, bil-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni milquta;

— il-konsolidazzjoni immedjata tal-infrastruttura preventiva u l-ħarsien tas-siti ta' wirt kulturali;

— it-tindif taż-żoni milquta mid-diżastru, inklużi ż-żoni naturali.

**2.** It-tressiq tal-applikazzjoni

L-Istat li jkun intlaqat minn diżastru għandu jressaq applikazzjoni għall-għajnuna mill-FSUE lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 12-il ġimgħa wara li jsiru ċari l-ewwel effetti tad-diżastru. Huwa għandu jagħmel stima tal-ħsara diretta totali ikkawżata mid-diżastru naturali u l-impatt tagħha fuq il-popolazzjoni, l-ekonomija u l-ambjent ikkonċernati, u l-kost tal-miżuri meħtieġa, u jindika kwalunkwe għejun oħra ta' finanzjament flimkien mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju ta' diżastru relatati man-natura tad-diżastru naturali.

**3.** L-implimentazzjoni

Il-proċedura għall-allokazzjoni ta' għotja, segwita minn proċedura baġitarja, tista' tieħu għadd ta' xhur. Ladarba l-approprjazzjonijiet ikunu saru disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi ftehim mal-Istat benefiċjarju u tagħmel għotja.

Ir-riforma tal-2014 daħħlet il-possibilità li l-Istati Membri jitolbu ħlasijiet bil-quddiem, li l-għoti tagħhom jiġi deċiż mill-Kummissjoni, jekk ikunu disponibbli riżorsi biżżejjed. L-ammont tal-ħlas bil-quddiem ma jistax jaqbeż l-10 % tal-ammont totali antiċipat tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, u l-ogħla limitu tal-ammont huwa ta' EUR 30 miljun.

L-Istat benefiċjarju huwa responsabbli għall-użu tal-għotja u għall-awditjar tal-mod kif tintefaq (madankollu, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli fuq il-post fuq l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FSUE). Il-miżuri ta' urġenza jistgħu jiġu ffinanzjati b'mod retrospettiv biex ikopru operazzjonijiet mill-ewwel jum tad-diżastru.

Mhuwiex possibbli li l-miżuri jiġu ffinanzjati doppjament, u hija r-responsabilità tal-Istat benefiċjarju li jiżgura li l-kosti koperti mill-FSUE ma jkunux koperti minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni (b'mod partikolari minn strumenti ta' politiki ta' koeżjoni, agrikoli jew tas-sajd).

**4.** L-użu tal-għotja

L-għotja għandha tintuża fi żmien 18-il xahar mid-data li fiha tkun ġiet allokata. L-Istat benefiċjarju jrid iħallas lura kwalunkwe parti mill-għotja li ma tkunx intefqet. Sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 18-il xahar, għandu jressaq lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni. Dan id-dokument għandu jipprovdi dettalji tal-ispejjeż li jkunu saru li jkunu eliġibbli għall-FSUE kif ukoll kull għajn oħra ta' finanzjament li jkun intlaqa', inklużi r-rimborżi ta' assigurazzjonijiet u l-kumpens ottenut minn partijiet terzi.

**5.** Ir-rapport annwali u l-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri

Il-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-FSUE. L-aħħar rapport annwali jikkonċerna l-2016 u juri li matul is-sena l-Kummissjoni rċeviet sitt applikazzjonijiet: mill-Greċja (it-terremot ta' Lefkada); mir-Renju Unit (l-għargħar); mill-Ġermanja (l-għargħar fil-Bavarja t'Isfel); minn Ċipru (in-nixfa u n-nirien); mill-Portugall (in-nirien f'Madeira); u mill-Italja (it-terremoti). Il-każijiet kollha msemmija ngħataw l-approvazzjoni tal-Kummissjoni: għat-terremot fil-Greċja u l-għargħar fil-Ġermanja, l-FSUE ġie mobilizzat fl-2016, u għall-erba' applikazzjonijiet l-oħra d-deċiżjonijiet ittieħdu fil-bidu tal-2017. Skont dan ir-rapport annwali, erba' proċeduri ta' intervent preċedenti tal-Fond ta' Solidarjetà ngħalqu matul l-2016.

Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri fl-2012 ittratta dwar it-terremot tal-2009 ta' L'Aquila fir-reġjun Taljan ta' Abruzzo. Dan kien id-diżastru naturali l-aktar serju li kellu jittratta l-FSUE minn mindu nħoloq. L-assistenza mogħtija ammontat għal aktar minn EUR 500 miljun. Ir-rapport sab li, bl-eċċezzjoni ta' proġett partikolarment kumpless wieħed (CASE), il-proġetti ffinanzjati kollha kienu konformi mar-regolament.

**B.** Ir-riforma tal-2014 tal-FSUE

Fl-2005 l-Kummissjoni kienet ressqet proposti biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent u jitnaqqsu l-livelli ta' limitu tal-intervent li jiskattaw ir-rilaxx tal-finanzjament, iżda dawn il-proposti kienu ġew imblukkati minn maġġoranza tal-Istati Membri. Biex tiżblokka s-sitwazzjoni, il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ottubru 2011, kienet ipproponiet modi kif jista' jittejjeb il-funzjonament tal-Fond, iżda dan ma kienx wassal biex id-dibattitu jerġa' jibda. Fil-25 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva ġdida, li mbagħad ġiet innegozjata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wasslet għad-dħul fis-seħħ tal-Regolament emendatorju (UE) Nru 661/2014 tal-15 ta' Mejju 2014. Ir-regoli l-ġodda li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-FSUE jdaħħlu l-elementi li ġejjin:

— proċedura aktar rapida li twassal għall-ħlas, l-introduzzjoni tal-ħlasijiet bil-quddiem, u aktar ħin mogħti biex il-pajjiżi benefiċjarji jużaw l-għotjiet li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom (estiż minn 12 għal 18-il xahar);

— kamp ta' applikazzjoni u regoli tal-eliġibilità ċċarati;

— aktar enfasi fuq il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-effetti tad-diżastri naturali.

**C.** Il-miżuri ta' simplifikazzjoni inklużi fir-Regolament Omnibus

Ir-"Regolament Omnibus" kumpless (ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-18 ta' Lulju 2018 li fih ir-Regolament Finanzjarju rivedut u jemenda għadd ta' regolamenti fl-istess ħin) jinkludi mobilizzazzjoni simplifikata (abbozzi ta' baġits

emendatorji) u proċeduri ta' trasferiment u riport awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, implimentazzjoni u applikazzjoni[1], il-Parlament enfasizza l-importanza tal-FSUE bħala strument prinċipali li jippermetti lill-UE tirrispondi għal diżastri serji. Fl-istess waqt, huwa kkritika t-tul inaċċettabbli taż-żmien li jittieħed biex tingħata l-għajnuna lir-reġjuni jew lill-Istati Membri milquta, u talab biex dan id-dewmien jitnaqqas billi l-proċeduri involuti jiġu ssimplifikati u jiġi permess li jsiru ħlasijiet bil-quddiem, elementi li ġew ittrattati fil-proposta leġiżlattiva l-ġdida ta' Lulju 2013. Il-proposta tal-Kummissjoni inkorporat ukoll suġġerimenti oħra mill-Parlament, bħalma huma d-definizzjoni aktar ċara u aktar preċiża tal-kunċett ta' diżastri, u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent, bil-għan li jitnaqqas ix-xettiċiżmu tal-ħafna Stati Membri li jopponu li jsiru riformi lil dan l-istrument tal-UE.

Abbażi tal-proposta ta' Lulju 2013 tal-Kummissjoni li tissemma hawn fuq, kemm il-Parlament u kemm il-Kunsill adottaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, li abbażi tagħhom saru n-negozjati interistituzzjonali fi Frar 2014, fejn intlaħaq kompromess wara tliet laqgħat fl-ewwel qari skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Ir-regoli l-ġodda daħlu fis-seħħ f'Ġunju 2014.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament kienet tinkludi appoġġ qawwi għall-mekkaniżmu tal-ħlas bil-quddiem. Din id-dispożizzjoni ġdida, li fil-bidu kienet ġiet imħassra mill-Kunsill, hija parti mill-kompromess milħuq (bil-livell limitu previst fil-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri 10 % sal-limitu massimu ta' EUR 30 miljun).

Rigward il-livell limitu għall-eliġibilità tad-diżastri naturali, il-ftehim finali żamm ir-rata ta' 1.5 % tal-PDG reġjonali, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni, iżda l-Parlament irnexxielu jiżgura livell limitu aktar baxx ta' 1 % tal-PDG għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea. Kisbiet oħra jinkludu l-estensjoni tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni mill-Istati Membri għal 12-il ġimgħa (il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill kienet ta' 10 ġimgħat), l-introduzzjoni ta' skadenza ta' 6 ġimgħat biex il-Kummissjoni twieġeb lill-applikanti, u l-estensjoni tal-perjodu li matulu għandhom jintużaw il-kontribuzzjonijiet mill-FSUE għal 18-il xahar (il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill kienet ta' 12-il xahar).

L-assistenza teknika, fil-prinċipju, mhijiex eliġibbli għall-appoġġ, iżda l-pożizzjoni tal-Parlament daħħlet deroga għal din id-dispożizzjoni u ġiet ittrattata fil-kompromess: il-kosti tal-assistenza teknika marbuta direttament mat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġetti huma eliġibbli għall-finanzjament.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: valutazzjoni[2] il-Parlament jenfasizza l-importanza tar-reviżjoni tal-2014, li rnexxielha tegħleb l-imblokkar fil-Kunsill, u rrappreżentat tweġiba li ngħatat tard għat-talbiet ripetuti tal-Parlament għal titjib fil-kapaċità ta' reazzjoni u effikaċja tal-għajnuna,

[1]ĠU C 440, 30.12.2015, p. 13.
[2]ĠU C 224, 27.6.2018, p. 140.

sabiex tiġi żgurata reazzjoni rapida u trasparenti b'appoġġ għall-persuni milquta mid-diżastri naturali;

Il-Parlament laqa' d-dispożizzjonijiet il-ġodda proposti mill-Kummissjoni fil-Proposta Omnibus imsemmija hawn fuq u, fil-kapaċità tiegħu bħala koleġiżlatur, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, huwa appoġġa l-bidliet li wasslu għas-simplifikazzjoni u għall-mobilizzazzjoni aktar faċli tal-finanzjament.

Diána Haase
05/2019